**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Novembru 2021**

Rikors Numru: 152/21 AL

A B

vs

C B

(MR Nurmu 1863/2000)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-esponent kien izzewweg lil C B liema zwieg kien gie iccelebrat fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn [Dok A] u kienu sseparaw ai termini ta' kuntratt ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Claire Camilleri datat sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) [Dok B].

2. Illi mill-imsemmi zwieg twieldu zewgt itfal D E li ghandha tmintax (18) il-sena u F li ghandu sittax (16) il-sena;

3. Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment;

4. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artiklu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi l-esponenti qieghed jipprezenta wkoll l-affidavit tieghu li qieghed jigi pprezentat bhala Dok C.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk millistess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta’ April, 2021;

Rat illi l-intimata prezenti fl-awla u fuq domanda tal-qorti wiegbet li m’ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-17 ta’ Lulju, 2015;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.